# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION**
**ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 27 ta' Frar, 2024.**

**Numru 9**

**Rikors numru 1064/16/1 JVC**

**Olena Volodymyrivna Caruana Verbytska**

**v.**

**Catherine Imperia Caruana**

**Il-Qorti:**

1. Din hija kawża ta' impunjazzjoni ta' testment.

2. Ir-retroxena li wasslet għal din il-kawża kienet din:

(i) L-attriċi żżewwġet lil Paul Louis Caruana fit-12 ta' Settembru 2000 u miż-żwieġ ma kienx hemm ulied.

(ii) Fl-1 ta' Marzu 2007 għamlu testment *unica charta*.

(iii) B'testment waħdu tal-10 ta' Novembru 2010 Paul Louis Caruana ħalla lill-attriċi eredi f'sehem ta' 80% u lill-ġenituri tiegħu f'sehem ta' 20%.

(iv) B'testment tas-6 ta' Novembru 2012 innomina lill-ġenituri tiegħu bħala uniċi werrieta u lil ħutu f'każ tal-premorjenza tagħhom. Missieru miet qablu u għalhekk wirtitu biss ommu l-konvenuta.

(v). B'sentenza tal-5 ta' Frar 2015 ippronunzjat is-separazzjoni personali bejn l-attriċi u żewġha.

(vi) Paul Louis Caruana miet fl-24 ta' Awwissu 2015.

(vii) Is-sentenza tas-separazzjoni ġiet ikkonfermata minn din il-Qorti fl-24 ta' Ġunju 2016.

3. Fir-rikors maħluf tagħha, l-attriċi allegat li (i) żewġha kien ibati minn skizofrenija u għalhekk ma kellux il-kapaċità legali li jagħmel testment u li

(ii) ma kellux il-volontà ħielsa minħabba l-aġir ta' ommu u ta' membri tal-familja tiegħu. Għalhekk talbet it-tħassir tat-testment tat-2012 u dikjarazzjoni li jgħodd it-testment tat-2010.

4. B'sentenza tat-28 ta' Ottubru 2021 il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili laqgħet l-ewwel, it-tieni, t-tielet, parti mir-raba', u l-ħames eċċezzjonijiet tal-konvenuta; ċaħdet l-eċċezzjonijiet l-oħrajn; u ċaħdet it-talbiet tal-attriċi.

5. L-attriċi appellat mis-sentenza permezz ta' rikors tas-16 ta' Novembru 2021.

6. L-aggravji tagħha, li mhumiex enumerati, u xi ftit imgerfxin ma' xulxin, huma essenzjalment dawn:

7. **L-Ewwel Aggravju** huwa li l-Ewwel Qorti nħliet fuq ċirkostanzi li ma kellhomx x'jaqsmu mal-mertu tal-kawża, billi rreferiet għar-rwol tal-attriċi waqt iż-żwieġ; jekk għenitx lil żewġha; u liema xogħol kien jagħmel ir-raġel.

8. Dan l-aggravju huwa wieħed fieragħ għall-aħħar. L-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha qalet ċar u tond li ma kinitx sejra tidħol f'dawn il-kwistjonijiet.

9. **It-tieni aggravju** huwa dwar il-ħames eċċezzjoni. L-appellanti tilmenta li:

(i) L-Ewwel Qorti sabet li Paul Lewis Caruana kien influwenzat minn martu meta għamel it-testment tal-10 ta' Novembru 2010. Dan minkejja li ma kellhiex provi. In-Nutar li għamel dak it-testment, ma ttellax jixhed.

(ii) L-Ewwel Qorti sabet li l-attriċi hija mara b'karattru imponenti wara li straħet fuq rapporti kriminali li saru fil-konfront tagħha. L-appellant isostni li l-Ewwel Qorti ma qisitx li hija wkoll għamlet rapporti kontra min xliha u l-kwistjoni ġiet amikevolment solvuta.

(iii) Din l-eċċezzjoni hija fil-fatt talba u għalhekk mhix valida għaliex kellha ssir permezz ta' kontrotalba.

10. Il-parti tas-sentenza li titratta l-ħames eċċezzjoni tal-konvenuta taqra hekk:

> "Illi permezz tal-hames eċċezzjoni l-intimata Catherine Imperia Caruana teċċepixxi li hekk kif jidher mit-Tieni Artikolu tat- testment tas-6 ta' Novembru, 2012 fl-atti tan-Nutar Joseph Henry Saydon il-mejjet Paul Louis Caruana kien gie mgiegħel jagħmel it- testment tal-10 ta' Novembru, 2010 fl-atti tan-Nutar Reuben Debono mir-rikorrenti Olena Volodymyrivna Caruana Verbytska. Għaldaqstant ai termini tal-Artikolu 605(c) tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) kull min ikun giegħel lit-testatur biex jagħmel testment, jew biex jagħmel jew jibdel xi disposizzjoni testamentarja jitqies bħala mhux dehen u bħala tali ma jkunx kapaci li jircievi b'testment.

> -omissis-
>
> Illi huwa minnu li fl-imsemmi testment tas-6 ta' Novembru, 2012 fl-atti tan-Nutar Joseph Henry Saydon il-mejjet Paul Louis Caruana fit-tieni artikolu ddispona li r-rikorrenti Olena Volodymyrivna Caruana Verbytska kienet obbligatu jagħmel it- testament.
>
> -omissis-
>
> Illi n-Nutar Joseph Henry Saydon fix-xiehda tiegħu mogħtija fis-seduta tad-19 ta' Novembru, 2019 a fol. 734 *et seq.* għamel ukoll referenza għal dan il-fatt u kkonferma li huwa ddiskuta mat-testatur il-problemi maritali li kien hemm bejn il-partijiet. Ikkonferma li r-referenza għat-testment *unica charta* kienet saret minn Paul Louis Caruana.
>
> Illi l-Qorti ma tistax ukoll ma tagħmilx referenza għad-diversi rapporti u kawżi kriminali li r-rikorrenti kellha ma' diversi persuni liema kopja tagħhom gew esebiti a fol. 817 *et seq* tal-process. Minn dawn il-Qorti setgħet tinnota li r-rikorrenti għandha karattru mponenti u għalhekk ma tistax teskludi li kienet verament hi li obbligat lill-mejjet Paul Louis Caruana sabiex jagħmel it-testment tal-10 ta' Novembru, 2012 u huwa f'dan is-sens li ser tigi milqugħa l-hames eċċezzjoni tal-intimata għalkemm ai fini ta' din id- decizjoni, la darba t-testment attakkat ġja gie dikjarat bħala validu, din il-parti tad-decizjoni hija biss waħda purament akkademika u sabiex tkun ingħata decizjoni fuq l-eċċezzjonijiet kollha."

11. Din il-Qorti ma tarax għalfejn għandha tiddiskosta ruħha mill-*finding of fact* li għamlet l-Ewwel Qorti relatat ma' din l-eċċezzjoni. Dan billi l-Qorti għażlet waħda minn żewġ verżjonijiet konfliġġenti. Mhijiex korretta l-appellanti meta tgħid li l-Ewwel Qorti ma kellha l-ebda prova li ssostni l-konklużjoni tagħha. Il-Qorti taqbel mal-appellanti li din l-eċċezzjoni għandha iktar in-natura ta' talba milli ta' eċċezzjoni, għaliex tinħtieġ talba biex testment jiġi mħassar, u li għalhekk kellha *se mai* issir kontrotalba. L-Ewwel Qorti qalet li din l-eċċezzjoni saret waħda akkademika billi sabet li l-aħħar testment, li ħassar it-tieni testment, kien wieħed validu; iżda

qalet li ttrattat din l-eċċezzjoni għall-kompletezza. Din il-Qorti ma taqbilx li l-Ewwel Qorti kellha tikkunsidra eċċezzjoni mingħajr il-ħtieġa li tagħmel hekk. Iktar jixraq li din l-eċċezzjoni ma titteħidx konjizzjoni tagħha.

12. Dan l-aggravju għalhekk qiegħed jiġi milqugħ fis-sens fuq imsemmi.

13. **It-Tielet Aggravju** hu li s-sentenza m'għamlitx evalwazzjoni ġusta ta' dak li qalu t-tobba. L-appellanti ssostni li Dr. David Cassar u Dr. Joseph Saliba wrew li Paul Louis Caruana kellu marda mentali kronika li tista' xi drabi tiġi kkontrollata, u xi drabi le. F'dan ir-rigward l-appellanti tilmenta li:

(i) Skont Dr. David Cassar id-*decujus* seta' kien *delusional* meta għamel it-testment. Messu qabel kien eżaminat minn psikjatra. Ebda ċertifikat mediku ma ġie anness mat-testment.

(ii) Skont il-psikjatra David Cassar it-testment ma kienx validu għaliex Paul Louis Caruana ma kienx kapaċi jagħmel testment. Huwa xehed li "*for the majority of situations Paul Lewis Caruana had his mental condition under control but if his abnormal beliefs or delusions were related to members of the family this would definitely impair the capacity to make a will*". Xehed ukoll li anke jekk kien stabbli u jieħu l-

mediċini, xorta kellu jsir, qabel jagħmel testment, "*what we call a mental state examination where one explores the presence of abnormal belief or experiences that may affect the person's judgment specifically in relation to that will*".

(iv) Il-psikjatra Dr Joseph Saliba eżamina lil Paul Louis Caruana f'isem il-bord mediku tal-kumpanija Medicore, li magħha Caruana kien impjegat. Eżaminah ħames darbiet bejn l-20 ta' Lulju 2006 sal-5 ta' Marzu 2010. Kien ikun dejjem akkumpanjat mill-ġenituri tiegħu. Il-Bord sab li kien ibagħti minn *chronic psychosis*. Ingħata ċans biex imur għall-aħjar, kif fil-fatt għamel fl-2008 u 2009 iżda f'Marzu 2010 saħħtu reġgħet marret lura u għalhekk tkeċċa minn fuq il-post tax-xogħol tiegħu.

14. Dwar ix-xhieda tat-tobba, l-Ewwel Qorti rraġunat hekk:

> "Illi jirriżulta li bħala l-ewwel referenza tal-mejjet Paul Louis Caruana fl-isptar St Luke's Hospital hija dik ta' nhar l-4 ta' April, 2007 u bħala notament tal-ġurnata tniżżel li l-imsemmi Paul Louis Caruana jbati minn *schizophrenia* (ara x-xiehda ta' Doris Vella Cassia a fol. 129A *et seq.* u notament mill-fajl mediku a fol. 131 tal- process). Mill-atti rriżulta wkoll li Paul Louis Caruana kien ibati minn marda rari u aktar tard f'ħajtu tfaċċalu tumur fejn siefer l-Ingilterra għat-trattament u wassal għall-mewt tiegħu.
>
> -omissis-
>
> Ir-rikorrenti ressqet diversi xhieda fil-maggorparti tagħhom tobba li lkoll xehdu dwar il-kundizzjoni mentali ta' Paul Louis Caruana tul is-snin. Jigi nnutat li dawn ma xehdux dwar il-mument li Paul Louis Caruana kien qiegħed jagħmel it-testment u dan peress li mat-

testment tas-6 ta' Novembru, 2012 ma gie anness l-ebda certifikat mediku.

Illi l-Qorti wara li ezaminat ix-xhieda kollha prodotti ser tgħaddi biex tevalwa dawk tal-aktar rilevanza għall-kaz odjern. Fl-atti xehed Dr David Cassar fis-seduta tat-23 ta' Marzu, 2018 a fol. 689 et seq tal-process fejn spjega li Paul Louis Caruana kien ilu taht il- kura tiegħu għal numru ta' snin u li kien ibati minn '*chronic paranoid psychosis'* u għal liema kien jingħata l-medicina necessarja. Dwar l-effetti tagħha jispjega illi:

"Dr. Peter Borg Costanzi : What was the effect of this illness?

Witness : This illness manifests itself in potential abnormal believes when one could develop what we could call over values ideas with reference or overvalued ideas persecution of delusional taugħt of reference of persecution and one also may develop hallucinations.

Dr. Peter Borg Costanzi : So in such a situation how such a person's perception be in respect of reality and ability to give a valid consent to a given scenario?

Witness : Consent is not directly related to the presence of psychosis and abnormal believes and esperience. Let me give an example your honor. If I have a belief as I understand the context is that my grocer is trying to harm me, that does not mean that i don't have the capacity to make a will if that grocer is not directly related to me because my sense of reality is impaired specific to that situation.

Dr. Peter Borg Costanzi : If the grocer happens to be the person's son?

Witness : Then obviously there is a lack of capacity for making away.

Dr. Peter Borg Costanzi : But there is a subjective relationship.

Witness : There has to be a subjective relationship related to the abnormal believes and experiences.

Dr. Peter Borg Costanzi : You mentioned also that this person could be delusional.

Witness : Yes.

Dr. Peter Borg Costanzi : Will those delusions effect a person's capacity to assess a situation and make a proper value judgement?

Witness : This is exactly what I was referring to earlier in my comments. When I'm talking about delusion I'm talking about an abnormal believe. An abnormal believe can be heldin an absolute way, we call that a delusion or a non absolute way and that what we call an overvalued idea. If those abnormal believes, be they delusional or overvalued, are in relation specifically to a family member, then that would impair the capacity for making a will.

Dr. Peter Borg Costanzi : You said that during the period that he was under your care, you found he was taking pills regularly and his condition was well controlled.

Witness : In the majority of the situations yes.

...

Dr. Peter Borg Costanzi : Can you have a relapse even in a quicker period?

Witness : I cannot exclude. If a person is stable on treatment and has been stable regularly, it is unlikely that that person would relapse in days.

Dr. Peter Borg Costanzi : Why?

Witness : Because if a person is stable for a good period of time, I would expect him to remain stable.

Dr. Peter Borg Costanzi : He remains stable because he is taking medication or because he does not need the medication anymore?

Witness : When patients relapse they don't relapse within a few days of stopping medication. Usually you are looking at months.".

Illi x-xhud Dr David Cassar gie mistoqsi wkoll dwar x'irrizulta mill-visti li saru fuq Paul Louis Cassar u esebixxa numru ta' notamenti tas-seduti a fol. 699 et seq tal-process. Fir-rigward il-visti fis-sena 2014 ix-xhud qal is-segwenti:

"Dr. Peter Borg Costanzi : The last visit in 2014, was it you who examined him?

Witness : No it was one of our juniors.

Dr. Peter Borg Costanzi : Can you state who please?

Witness : There is a signature which is unfortunately not legible.

Dr. Peter Borg Costanzi : Is there a reference number, doctor's medical certificate number?

Witness : I cannot recognize unfortunately that there is a number. What I can state categorically is that before that, the one before that, in July 2012, he was seen by one of senior juniors if I can put it that way who today is a consultant in her own riġħt Dr Rachael Taylor East, were she found him stable, not psychotic, no auditory hallucinations, no visual hallucinations.

Dr. Peter Borg Costanzi : And did she recommend any medication or continuous ...

> Witness : To continue the same medication because he was stable.
>
> Dr. Peter Borg Costanzi : And what medications was he on? Witness : He was on Tryplofrlorazine 5mg twice a day which is not a high dose, a relatively no dose.
>
> ...
>
> Witness : I will also add however that the last entry before 2014 which was November 2012, where I cannot identify the signature, there he was also stable.
>
> Dr. Peter Borg Costanzi : And same medication was prescribed?
>
> Witness : He was on the same medication.
>
> Dr. Peter Borg Costanzi : And in 2014 if I may ask again? Witness : We have the statement that he is well on the same medication we don't have the dose."

Illi fis-seduta tat-2 ta' Mejju, 2018 xehdet ukoll Dr Rachel Taylor East a fol. 711 et seq tal-process li kienet il-psikjatra li rat lil Paul Louis Caruana fis-16 ta' Lulju, 2012 u cioe' zewg visti qabel għamel it-testment fejn xehdet illi:

> "Witness : I saw Paul Caruana on the 16th of July 2012. At the time I was a trainee psychiatrist and I was working for Dr. David Cassar. I saw him with his mother and it was a routine outpatient visit. At that time he was doing very well, he had been stable for about a year or a year and a half at least
>
> ...
>
> Dr Peter Borg Costanzi : And what was the date of this visit?
>
> Witness : 16th July 2012."

Il-Qorti sabet in-notament li sar dakinhar tal-vista tas-16 ta' Lulju, 2012 minn Dr Rachel Taylor East fil-file mediku a fol. 169 tal- process fejn iddeskriviet l-istat tal-pazjent bħala wiehed 'overall stable'.

Illi fil-mori tal-kawza xehed ukoll Dr Anthony Dimech fejn jispjega li l-mejjet Paul Louis Caruana kien mar għandu nhar it-18 ta' Marzu, 2008 sabiex jagħmillu assessment tal-istat mentali tiegħu. Ix-xhud gie muri certifikat a fol. 641 tal-process u kkonferma li kien irrilaxxjat minnu. Meta gie mistoqsi li huwa kien ra lil Paul Louis Caruana darba waħda biss wiegeb is-segwenti:

> "Dr. David Harding : Meta tarah darba ma tistax ...
>
> Xhud : Dik qed tgħid inti hekk.

…

> Xhud : Int qed titkellem fuq field li mhux il-field tiegħek. Int qed titellem ma xi hadd li għamel it-training kollhu l- Ingilterra u għandi c-certificate of completion of training kemm f'general adult u kemm addiction okay u hdimt fl- aqwa centri ta' l-Ingilterra inkluz Psychiatric Intensive Care u skizofrenja naf x'inhi u għall-informazzjoni tiegħek hemm professuri li jgħidu li skizofrenja tant tipprezenta b'modi diversi, tant persuna jista' jkollha jew episodju wiehed biss f'hajtu jew inkella jkollhu episodju li l-ebda trattament ma jfejqu, li nahsbu li huwa grupp ta kundizzjonijiet u l-isem skizofrenja hemm min jixtieq li jehles minnu għax jagħti timbru u stiga kif qed naraw f'din il-kamra min professjonist għax jekk wiehed li qatt kellhu psikosi jigifieri li hajtu hija spiccat u mhux kapaci jagħmel testment jew mhux kapaci jmexxi professjoni. Jien nista' nikkonferma li rajt nies li huma validissimmi, li kellhom sintomi ta' skizofrenija f'hafna puntijiet f'hajthom imma komplew bir- responsabbiltajiet tal-hajja sakemm mietu."

Illi minn analizi tan-notamenti kollha li gew esebiti minn Doris Vella Cassia a fol. 131 et seq tal-process, il-Qorti tinnota li t-testatur Paul Louis Caruana, gurnata qabel it-testment li tiegħu r-rikorrenti qed titlob in-nullita`, kellu vista l-isptar. Min-notament jirriżulta li t-testatur Paul Louis Caruana nhar il-5 ta' Novembru, 2012 kien tajjeb di fatti tnizzel illi huwa '...seen with mother, well, not depress, sleeping, appetite ...' (ara notamenti a fol. 707 tal-process u l-file mediku a fol. 170 tal-process). Sfortunatament ma setax jigi rintraccat il-persuna li għamlitlu l-vista nhar il-5 ta' Novembru, 2012 u dan peress li mill-firma ma kienx possibli li jigi identifikat min kien il-persuna għalkemm minn notamenti jirriżulta wkoll li kien f'kundizzjoni stabbli u tajba."

15. Din il-Qorti ta' reviżjoni għamlet l-eżami tagħha tax-xhieda ta' Dr David Cassar li minnha jirriżulta li t-testatur kien taħt il-kura tiegħu jew tas-subalterni tiegħu sa mis-sena 2010, u għamlulu sittax-il vista bejn is-sena 2010 u 2012. Bejn Novembru 2012 u Novembru 2014 saritlu vista waħda biss.

16. Din il-Qorti għażlet li tirriproduċi parti hekk twila mis-sentenza tal-Ewwel Qorti dwar ix-xhieda tat-tobba sabiex turi l-materjal probatorju li ħadet konjizzjoni tiegħu kif ukoll id-deduzzjonijiet li siltet minnu.

17. L-Ewwel Qorti ċċitat estensivament id-depożizzjoni *viva voce* tal-psikjatra konsulent Dr. David Cassar, li kien xhud prodott mill-attriċi. Innutat kif spjega b'mod ċar l-effetti tal-marda fuq il-kapaċità mentali tal-pazjent, li fil-maġġor parti taż-żmien il-pazjent kien stabbli; li pazjent f'din il-qagħda u li jkun qiegħed jieħu l-mediċini preskritti lilu ma jkunx mistenni li jkollu "relapse" fi żmien qasir jekk jieqaf jieħu dawn il-mediċini; li fis-16 ta' Lulju 2012, waħda mis-subalterni tiegħu, Dr Rachael Taylor East (li iktar tard laħqet hija wkoll konsulent psikjatra), sabet li l-pazjent kien *stable, not psychotic, no auditory hallucinations, no visual hallucinations*; li din irrakkomandat li jkompli jieħu Tryplofrlorazine 5mg li mhix doża qawwija u prattikament ma hi doża xejn.

18. L-Ewwel Qorti mbagħad iċċitat ix-xhieda ta' Dr. Taylor East li xehdet li meta ratu kienet vista ta' rutina fl-*outpatients*, li kien sejjer tajjeb u li kien ilu stabbli minn tal-inqas għal xi sena jew sena u nofs. Iċċitat ukoll ix-xhieda ta' Dr Anthony Dimech li kien raħ darba lura fit-18 ta' Marzu 2008 u sabu stabbli.

19. L-Ewwel Qorti ħadet nota li proprju ġurnata qabel għamel it-testment, u ċjoè fil-5 ta' Novembru 2012 hemm notament fil-*file* tal-Isptar (iffirmata minn xi tabib mhux magħruf billi l-firma tiegħu mhux leġibbli) li huwa kien *"...seen with mother, well, not depress, sleeping, appetite*".

20. L-Ewwel Qorti ħadet ukoll nota ta' dak li xehed Dr Cassar li fil-vista tas-sena 2014, hemm nota fil-*file* tal-isptar li l-pazjent kien fuq l-istess medikazzjoni ta' qabel, għalkemm mhux indikat id-doża kemm kienet, u li kien fi stat tajjeb.

21. Tassew li l-Ewwel Qorti m'għamlitx riferenza għax-xhieda ta' Dr Joseph Saliba li twassal sas-sena 2010. Dr Saliba iżda xehed dwar il-perjodu tas-saħħa mentali sa dik id-data; wara dik id-data hemm il-perjodu ta' sentejn li jwassal sad-data tat-testment impunjand u li fih id-*decujus* kien f'qagħda stabbli.

22. Huwa minnu wkoll li l-Ewwel Qorti m'għamlitx riferenza għall-bran tax-xhieda ta' Dr David Cassar iċċitata mill-appellant f'dan l-aggravju. Dik iċ-ċitazzjoni iżda m'għandhiex tittieħed barra mill-kuntest tagħha. Dak li kien qiegħed jgħid il-psikjatra kien x'ikunu l-effetti jekk il-pazjent ma jkunx f'qagħda stabbli – li skont partijiet oħra tax-xhieda tiegħu jirriżulta li ma kienx il-każ – u li kien rakkomandabbli li jittieħed ċertifikat mediku dwar il-kapaċità mentali tal-pazjent qabel ma jagħmel it-testment.

23. Dawn in-nuqqasijiet – jekk wieħed jista' jsejjħilhom hekk – ma jfissirx li l-Ewwel Qorti għamlet xi eżami superfiċjali, żbrigattiv, selettiv jew żbaljat ta' dak li qalu t-tobba. Għall-kuntrarju, kif jidher mill-bran

suċċitat tas-sentenza, dik il-Qorti traċċjat skrupoložament l-*iter* tal-*chronic paranoid psychosis* tat-testatur, kif evaluwat mit-tobba, sa mill-4 ta' April 2007 imnejn jirriżulta l-ewwel notament mediku fl-Isptar San Luqa sa ġurnata qabel m'għamel it-testment.

24. Dan l-aggravju għalhekk manifestament m'għandux mis-sewwa u mhuwiex qiegħed jiġi aċċettat.

25. **Ir-raba' aggravju** hu li l-Qorti ma tatx każ tal-influwenza tal-omm li ġiegħlet lid-*decujus* jagħmel l-aħħar testment tiegħu:

(i) L-appellanti semmiet provi dwar l-indħil tal-konvenuta anke meta l-koppja ppruvat ikollha t-tfal bl-IVF; irrakkuntat kif l-omm opponiet u binha (ir-raġel tal-attriċi) talabha biex ma tindaħalx.

(ii) Kienet omm id-*decujus* li ġiegħlitu jissepara. Il-koppja kienet tinħabb u pendenti l-proċeduri kienu jiltaqgħu bil-moħbi regolarment.

(iii) L-omm akkumpanjat lil binha għand in-Nutar iżda ma tarrfitlu xejn dwar il-kundizzjoni medika mentali tiegħu.

26. Mhuwiex minnu li fis-sentenza appellata ma tatx każ tal-influwenza tal-omm.

27. L-Ewwel Qorti semmiet l-affidavit tal-attriċi li fih l-istess attriċi enfasizzat l-indħil tal-omm fiż-żwieġ tagħha.[1] Qalet ukoll li:

> "Illi dwar il-kwezit jekk Paul Louis Caruana kellux il-kunsens tiegħu validu fil-mument li sar it-testment… il-Qorti telenka s- segwenti punti emanenti mill-provi migbura:
>
> > "i. Il-fatt li l-partijiet kien ilhom snin *de facto* separati. Ir-rikorrenti fix-xiehda tagħha tipprova tagħti l-impressjoni li malgrad li l- partijiet kienu għaddejjin minn separazzjoni personali, r-relazzjoni tagħhom xorta kienet waħda tajba tant li f'certi okkazzjonijiet kien imur id-dar matrimonjali u anke kienu jkunu intimi filwaqt li l-intimata Catherine Caruana kienet tkun tistennihom fil-karozza.
> >
> > Il-Qorti tqis inverosimili din il-verzjoni tal-fatti. Ix-xiehda tar-rikorrenti hija ferm kontraddittorja għaliex filli tgħid li l-intimata kienet kontra r-relazzjoni tagħhom u fl-istess hin tgħid li l- intimata kienet tkun ma' binha Paul Caruana u toqgħod bil- pacenzja kollha tistennih fil-vettura waqt li huwa jkun fl- appartament mar-rikorrenti jwettaq atti sesswali ma' martu!".

28. Dak li għamlet il-Qorti hu li m'emmnitx l-allegazzjonijiet ta' influwenza mhux żejda mill-omm, wara li kkunsidrat l-inverosimiljanza lampanti ta' parti mix-xhieda tal-attriċi: *falsus in uno, falsus in omnibus.* M'hemm xejn li din il-Qorti ta' reviżjoni tista' tiċċensura f'din il-motivazzjoni. Tassew li l-omm (u anke l-missier meta kien għadu ħaj) kienu jakkumpanjaw lil binhom kullimkien – kemm l-isptar kif ukoll għand in-Nutar (l-omm waħedha għax il-missier laħaq miet). Dan iżda pjuttost juri affezzjoni da parti tal-ġenituri, tenut kont li Paul Caruana kien isseparat minn martu u ma kellux tfal. Ċertament iżda li din ma ssarrafx fi prova li l-omm għamlet xi pressjoni fuq binha biex ibiddel it-testment

[1] Fol. 912 l-aħħar paragrafu.

preċedenti u li din il-pressjoni kienet tant kbira li qerdet ir-rieda tat-testatur. Anke li kieku kien hemm prova bħal din, fl-ipotesi li Paul Caruana biddel it-testment biex jikkuntenta lil ommu dan ma jammontax għal vjolenza morali li neħħietlu l-volontà li jagħmel testament kif xtaq hu. L-Ewwel Qorti ma kellha l-ebda prova bħal din quddiemha. Biex ikun hemm vjolenza, din trid tkun tali li tnissel biża' lill-vittma li sejra ssirilha ħsara fuq il-persuna tagħha jew tal-familjari tagħha jew tal-proprjetà tagħha. Ħaġa li żgur li ma tirriżultax hawnhekk.

29. Barra minn hekk, din il-Qorti tqis li l-impunjazzjoni ta' testment minħabba li l-volontà ġiet eskluża permezz ta' vjolenza morali hija kontradittorja għat-talba ta' impunjazzjoni minħabba nuqqas ta' kapaċità mentali; għaliex min m'għandux kapaċità mentali lanqas għandu volontà. Ġie deċiż f'sentenza ta' din il-Qorti li "*l-impunjazzjoni tat-testment minħabba kaptazzjoni jew suġġestjoni tippresupponi l-kapaċità tat-testatur u għalhekk hi kontradittorja mal-impunjazzjoni minħabba inkapaċità mentali assoluta*".[2] Dak li jgħodd għall-kaptazzjoni jgħodd ukoll għall-vjolenza, inkluża l-vjolenza morali.

---

[2] ***Cachia v. Cachia et.,*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Ċivili, fil-15 ta' Frar, 1957 (Kollez. Vol: **XLI.i.83**).

30. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, ir-raba' aggravju huwa wkoll mingħajr siwi.

31. Fil-maġġor parti tagħhom, l-aggravji tal-appellanti jikkonċernaw kritika tal-valutazzjoni tal-provi magħmulin mill-Ewwel Qorti. Biex tagħmel dan, l-appellanti invokat ċerti provi parzjali u skartat oħrajn. Għas-sintesi tal-materjal probatorju komplessiv magħmula mill-Ewwel Qorti għamlet ri-elaborazzjoni personali tagħha tal-provi. Dan ma hux biżżejjed; kien jeħtieġ li tikkonvinċi lil din il-Qorti li dik il-valutazzjoni kienet inadegwata, inkongruwa jew illoġika. Ħaġa li ma rnexxilhiex tagħmel. Ma jirriżultax lil din il-Qorti li l-Ewwel Qorti skartat xi elementi mportanti tal-provi jew li m'għamlitx ġudizzju tajjeb tal-kredibilità tax-xhieda. L-apprezzament kien wieħed meqjus tajjeb u l-punti deċiżivi tal-kontestazzjoni esplorati u ttrattati tajjeb. Għalhekk mhuwiex il-każ li din il-Qorti ma taċċettax is-sentenza tal-Ewwel Qorti minħabba l-apprezzament tal-provi.

Decide

32. Għal dawn il-motivi, din l-Qorti qiegħda tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata għajr li tħassarha fil-parti fejn laqgħet il-ħames eċċezzjoni u minflok tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-istess eċċezzjoni.

Spejjeż tal-Prim'Istanza jibqgħu kif ordnati mill-Ewwel Qorti; spejjeż tal-appell a kariku tal-appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Robert G. Mangion<br>Imħallef | Grazio Mercieca<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da